**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Baġits*

**2018/0064(COD)**

21.9.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol
(COM(2018)0131 – C8-0118/2018 – 2018/0064(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier,

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u jqis li huwa pass importanti fil-kisba tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni hija punt ta' tluq tajjeb, ir-rapporteur jipproponi li l-Awtorità tingħata aktar setgħat sabiex timplimenta b'suċċess ir-rwol tagħha u biex tkun żieda siewja għall-istrutturi eżistenti.

Bħala prijorità ġdida, l-Awtorità għandha tkun iffinanzjata esklussivament minn riżorsi ġodda u mhux għad-detriment ta' programmi eżistenti. Il-Kummissjoni pproponiet li tiffinanzja 70 % tal-baġit tal-awtorità permezz ta' riallokazzjonijiet mill-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) taħt il-QFP kurrenti. Filwaqt li l-awtorità għandha effettivament kompiti simili, l-ewwel snin tal-Awtorità se jkunu ddedikati għall-istabbiliment tal-organizzazzjoni. L-infiq operattiv dwar l-affarijiet soċjali m'għandhomx ikunu mxekkla u għaldaqstant, ir-riżorsi finanzjarji għall-awtorità jeħtieġ li jiġu ffinanzjati minn flus ġodda.

Meta tiġi deċiża s-sede, ir-rapporteur jirreferi għar-rakkomandazzjonijiet miftiehma mill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni biex japplikaw approċċ orjentat lejn l-effikaċja u l-iffrankar tal-ispejjeż. Huwa jemmen li sabiex isir dan, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiddeċiedu l-post speċifiku tal-aġenzija aktar milli l-Istat Membru biss.

Ir-rapporteur jipproponi li tiġi segwita l-istruttura ta' governanza tal-aġenziji eżistenti fil-qasam tal-impjiegi u tal-affarijiet soċjali, jiġifieri li titkompla l-istruttura ta' governanza tripartitika. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompiti, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-oqsma ta' sinerġiji potenzjali u għad-duplikazzjoni tal-kompiti fost il-Eurofound, is-Cedefop, l-ETF, l-EU-OSHA u l-Awtorità.

Fl-aħħar nett, emendi ulterjuri għandhom l-għan li jirriflettu l-pożizzjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits stabbiliti għal żmien twil, bħar-rappreżentanza tal-Parlament fil-Bord Amministrattiv u flessibbiltà mtejba f'dak li jirrigwarda s-servizzi ta' traduzzjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(6a) L-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li twettaq il-kompiti tagħha b'kooperazzjoni sħiħa mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, u mal-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà u b'hekk jinkisbu l-koordinazzjoni u l-iffrankar fiskali.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex iżżomm kont tax-xejriet, tal-isfidi jew tal-lakuni emerġenti fl-oqsma tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-Awtorità jenħtieġ li tiżviluppa kapaċità analitika u valutazzjoni tar-riskju. Din jenħtieġ li tinvolvi t-twettiq ta' analiżi u studji tas-suq tax-xogħol, kif ukoll reviżjonijiet bejn il-pari. L-Awtorità jenħtieġ li timmonitorja l-iżbilanċi potenzjali f'termini tal-ħiliet u tal-flussi tax-xogħol transfruntiera, inkluż l-impatt possibbli tagħhom fuq il-koeżjoni territorjali. L-Awtorità jenħtieġ li tappoġġa wkoll il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/67/UE. L-Awtorità jenħtieġ li tiżgura sinerġiji u komplementarjetà ma' Aġenziji tal-Unjoni oħrajn jew servizzi jew netwerks. Dan jenħtieġ li jinkludi t-tfittix ta' input minn SOLVIT u servizzi simili dwar il-problemi rikorrenti li jiltaqgħu magħhom l-individwi u n-negozji fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fl-oqsma taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Awtorità. L-Awtorità jenħtieġ li tiffaċilita wkoll u tissimplifika l-attivitajiet tal-ġbir ***tad-dejta*** previsti mid-drittijiet rilevanti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan ma jinvolvix il- | (15) Sabiex iżżomm kont tax-xejriet, tal-isfidi jew tal-lakuni emerġenti fl-oqsma tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-Awtorità jenħtieġ li tiżviluppa kapaċità analitika u valutazzjoni tar-riskju. Din jenħtieġ li tinvolvi t-twettiq ta' analiżi u studji tas-suq tax-xogħol, kif ukoll reviżjonijiet bejn il-pari. L-Awtorità jenħtieġ li timmonitorja l-iżbilanċi potenzjali f'termini tal-ħiliet u tal-flussi tax-xogħol transfruntiera, inkluż l-impatt possibbli tagħhom fuq il-koeżjoni territorjali. L-Awtorità jenħtieġ li tappoġġa wkoll il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/67/UE. L-Awtorità jenħtieġ li tiżgura sinerġiji u komplementarjetà ma' Aġenziji tal-Unjoni oħrajn jew servizzi jew netwerks. Dan jenħtieġ li jinkludi ***kollaborazzjoni mill-qrib mal-Eurofound dwar analiżi tas-suq tax-xogħol u*** t-tfittix ta' input minn SOLVIT u servizzi simili dwar il-problemi rikorrenti li jiltaqgħu magħhom l-individwi u n-negozji fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fl-oqsma taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Awtorità. L-Awtorità jenħtieġ li tiffaċilita wkoll u tissimplifika l-attivitajiet tal-ġbir ***tad-data*** previsti mid- |

| | |
|---|---|
| ħolqien ta' obbligi ta' rapportar ġodda għall-Istati Membri. | drittijiet rilevanti tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan ma jinvolvix il-ħolqien ta' obbligi ta' rapportar ġodda għall-Istati Membri. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Sabiex tiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza kompluta tagħha, l-Awtorità jenħtieġ li tingħata baġit awtonomu, bi dħul li ġej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri u kwalunkwe kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi li jkunu qed jipparteċipaw fil-ħidma tal-Awtorità. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati jenħtieġ li tkun ukoll f'pożizzjoni li tirċievi ftehimiet ta' delega jew għotjiet ad hoc, u li titlob ħlas għall-pubblikazzjonijiet u kwalunkwe servizz fornut mill-Awtorità. | (24) Sabiex tiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza kompluta tagħha, l-Awtorità jenħtieġ li tingħata baġit awtonomu, bi dħul li ġej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri u kwalunkwe kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi li jkunu qed jipparteċipaw fil-ħidma tal-Awtorità. ***Il-baġit tal-Awtorità jenħtieġ li jitħejja bi qbil mal-prinċipju ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-Awtorità u r-riżultati mistennija mill-kompiti tagħha.*** F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati jenħtieġ li tkun ukoll f'pożizzjoni li tirċievi ftehimiet ta' delega jew għotjiet ad hoc, u li titlob ħlas għall-pubblikazzjonijiet u kwalunkwe servizz fornut mill-Awtorità. ***Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni ma tkunx għad-detriment ta' programmi oħra tal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li l-ewwel snin tal-operat tal-Awtorità se jkunu ddedikati għall-istabbiliment tagħha, l-attività operattiva tal-programmi eżistenti bħall-EURES m'għandhiex tiġi pperikolata.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) L-Istat Membru ospitanti tal-Awtorità jenħtieġ li jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex jiżgura l-funzjonament kif suppost tal-Awtorità. | (28) L-Istat Membru ospitanti tal-Awtorità jenħtieġ li jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex jiżgura l-funzjonament kif suppost tal-Awtorità. ***Jenħtieġ li l-Awtorità tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħrajn tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-Istess Stat Membru, sabiex jinkiseb iffrankar finanzjarju.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Meta jiġi deċiż il-post tas-sede tal-Awtorità, il-prerogattivi kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill bħala leġiżlaturi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu rrispettati u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati jenħtieġ li jiġu kkunsidrati. F'konformità mal-proċeduri reċenti għall-post ta' aġenzija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jaqblux biss fuq l-Istat Membru fejn l-Aġenzija jkollha s-sede tagħha, iżda wkoll fuq il-post speċifiku f'dak l-Istat Membru.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Lo scopo è quello di evitare quanto successo in occasione della nuova ubicazione della sede dell'Agenzia Europea per i Medicinali, dove la procedura di assegnazione prevedeva la decisione mediante sorteggio - tra le offerte in situazione di parità - al termine della terza tornata di voto. In aggiunta, il Parlamento europeo non è stato coinvolto nel processo decisionale, nonostante le sue prerogative di co-legislatore e di primo garante del rispetto del principio democratico nell'Unione. La decisione, infatti, è stata presa a margine del Consiglio "Affari generali" e il Parlamento è stato meramente chiamato a confermarne la scelta mediante la procedura legislativa ordinaria.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-Awtorità jenħtieġ li tikkoopera ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-qasam tal-impjieg u tal-politika soċjali, fejn tibni fuq l-għarfien espert tagħhom u timmassimizza s-sinerġiji: il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), kif ukoll, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-traffikar tal-bnedmin, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust). | (30) Fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-Awtorità jenħtieġ li tikkoopera ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-qasam tal-impjieg u tal-politika soċjali, fejn tibni fuq l-għarfien espert tagħhom u timmassimizza s-sinerġiji***, u tevita d-duplikazzjoni u b'hekk tikseb iffrankar finanzjarju***: il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), kif ukoll, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-traffikar tal-bnedmin, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust). |

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Approċċ Komuni, l-aġenziji relatati mal-qasam tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol għandhom jagħmlu użu effikaċi tar-riżorsi limitati disponibbli billi jfittxu s-sinerġiji u jevitaw id-duplikazzjoni fl-attivitajiet rispettivi tagħhom.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni mill-individwi u ***minn min iħaddem*** dwar id-drittijiet u l-obbligi f'sitwazzjonijiet transfruntiera kif ukoll aċċess għal servizzi tal-mobbiltà tal-forza | (a) tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni mill-individwi u ***mis-sħab soċjali*** dwar id-drittijiet u l-obbligi f'sitwazzjonijiet transfruntiera kif ukoll aċċess għal servizzi tal-mobbiltà tal-forza |

| | |
|---|---|
| tax-xogħol transfruntiera, f'konformità mal-Artikoli 6 u 7; | tax-xogħol transfruntiera, f'konformità mal-Artikoli 6 u 7; |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni sabiex jinkiseb l-iffrankar fiskali, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà rigward l-attivitajiet tagħhom.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) tissorvelja l-programmi ta' ritorn volontarju tal-Istati Membri li jappoġġaw individwi li jkunu jridu jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom wara li jkunu involuti f'mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-individwi f'sitwazzjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera; | (a) tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-individwi f'sitwazzjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera***, inkluża informazzjoni dwar id-drittijiet soċjali tagħhom bħas-servizzi amministrattivi,*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-impjiegi, tas-saħħa u tal-abitazzjoni***; |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tipprovdi informazzjoni rilevanti ***lil min iħaddem*** dwar ir-regoli tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema f'sitwazzjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera, inkluż ħaddiema stazzjonati; | (c) tipprovdi informazzjoni rilevanti ***lis-sħab soċjali*** dwar ir-regoli tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema f'sitwazzjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera, inkluż ħaddiema stazzjonati; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni kemm lil min iħaddem kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tal-impjegati.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, tappoġġa u tiffinanzja servizzi ta' konsulenza għall-impjegati li qed ifittxu jew għandhom impjieg barra mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-Awtorità tingħata s-setgħa mhux biss biex tinforma, iżda wkoll biex tagħti pariri lill-impjegati.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta awtorità nazzjonali ma tirrispondix għal talba fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Awtorità, hi għandha tipprovdi raġunijiet lill-Awtorità għala ma għamlitx dan.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Awtorità għandha ***tirrapporta regolarment*** is-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni, kif ukoll direttament lill-Istati Membri konċernati, fejn tispjega l-miżuri possibbli biex tindirizza d-dgħufiji identifikati. | 3. L-Awtorità għandha ***toħroġ rapporti semi-annwali dwar*** is-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni, kif ukoll direttament lill-Istati Membri konċernati, fejn tispjega l-miżuri possibbli biex tindirizza d-dgħufiji identifikati. ***Dawn ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Awtorità għandha tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni oħrajn fejn xieraq. | L-Awtorità għandha tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni oħrajn fejn xieraq***, b'mod partikolari mal-Eurofound, is-Cedefop, l-EU-OSHA u l-ETF, sabiex tikseb koordinazzjoni, tippromwovi s-sinerġiji u tevita d-duplikazzjonijiet fl-attivitajiet tagħhom għal raġunijiet ta' kosteffiċjenza***. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Approċċ Komuni, l-aġenziji relatati mal-qasam tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol għandhom jagħmlu użu effikaċi tar-riżorsi limitati disponibbli billi jfittxu s-sinerġiji u jevitaw id-duplikazzjoni fl-attivitajiet rispettivi tagħhom.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun magħmul minn ***rappreżentat*** anzjan wieħed minn kull Stat Membru ***u*** żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, li lkoll kemm huma għandhom dritt tal-vot. | 1. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun magħmul minn ***rappreżentant*** anzjan wieħed minn kull Stat Membru***, membru wieħed minn kull organizzazzjoni ta' min iħaddem tal-Istat Membru, membru wieħed minn kull organizzazzjoni tal-impjegati tal-Istat Membru,*** żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni ***u membru wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew***, li lkoll kemm huma għandhom dritt tal-vot. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tirrifletti l-istruttura ta' governanza tal-aġenziji eżistenti fir-rigward tas-suq tax-xogħol u ssaħħaħ l-iskrutinju demokratiku billi tipprovdi membru maħtur mill-Parlament Ewropew.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Erba' rappreżentanti, jiġifieri rappreżentant mill-Eurofound, mis-Cedefop, mill-EU-OSHA u mill-ETF, jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord Amministrattiv bħala osservaturi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li żżid il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji relatati mal-qasam tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal dokument uniku ta' programmazzjoni li jkun fih b'mod partikolari programmazzjoni pluriennali u annwali f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[73] filwaqt li jikkunsidra l-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni. | 1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal dokument uniku ta' programmazzjoni li jkun fih b'mod partikolari programmazzjoni pluriennali u annwali f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[73] filwaqt li jikkunsidra l-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni***, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji***. |
| [73] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42). | [73] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42). |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova d-dokument uniku ta' programmazzjoni tagħha.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-abbozz proviżorju tal-estimi għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 25(3), u għandu jqis ir-riżorsi finanzjarji neċessarji biex jinkisbu dawk l-objettivi u*** |

| | |
|---|---|
| | ***r-riżultati, bi qbil mal-prinċipju ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea. | 2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ***jew minn fornituri oħra ta' servizzi tat-traduzzjoni bi qbil mar-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda proposta għandha l-għan li tipprovdi lill-Aġenzija b'ċerta flessibbiltà f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' traduzzjoni.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Awtorità, sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 883/2013***, fi żmien sitt xhur*** mill-jum li fih issir operattiva, għandha taderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 li jikkonċerna l-investigazzjonijiet interni minn OLAF u tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Awtorità billi tuża l-mudell stipulat fl-Anness ta' dak il-Ftehim. | 1. L-Awtorità, sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 883/2013 mill-jum li fih issir operattiva, għandha taderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 li jikkonċerna l-investigazzjonijiet interni minn OLAF u tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Awtorità billi tuża l-mudell stipulat fl-Anness ta' dak il-Ftehim. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu bafer ta' sitt xhur mhuwiex meħtieġ f'dan il-kuntest.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 44 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sabiex jinkiseb iffrankar finanzjarju, l-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħrajn tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess post.*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol |
| **Referenzi** | COM(2018)0131 – C8-0118/2018 – 2018/0064(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>16.4.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>16.4.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Jens Geier<br>21.3.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.7.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.9.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 5<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Monika Hohlmeier, John Howarth, Zbigniew Kuźmiuk, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Marco Zanni, Manuel dos Santos, Stanisław Żółtek |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Karine Gloanec Maurin, Giovanni La Via, Ivana Maletić, Andrey Novakov |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | José Blanco López, Jonathan Bullock, Isabella De Monte, Sofia Ribeiro, Ruža Tomašić |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI

| 30 | + |
|---|---|
| ALDE | Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez |
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk, Ruža Tomašić |
| PPE | Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Giovanni La Via, Ivana Maletić, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Sofia Ribeiro, Petri Sarvamaa, Inese Vaidere |
| S&D | José Blanco López, Isabella De Monte, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Isabelle Thomas, Daniele Viotti |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana |

| 5 | - |
|---|---|
| EFDD | Jonathan Bullock |
| ENF | André Elissen, Marco Zanni, Stanisław Żółtek |
| NI | Eleftherios Synadinos |

| 1 | 0 |
|---|---|
| PPE | Paul Rübig |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni